



Brussell, 30 ta' Novembru 2017
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2016/0379 (COD)**

**14625/17
ADD 1**

**ENER 461
ENV 960
CLIMA 317
COMPET 800
CONSOM 362
FISC 286
CODEC 1864**

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru dok. Cion:	15135/1/16 ENER 418 ENV 758 CLIMA 169 COMPET 637 CONSOM 301 FISC 221 IA 131 CODEC 1809 REV 1 + ADD 1 REV 1 + ADD 2 REV 1
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar is-suq intern tal-elettriku (riformulazzjoni) - Anness I - Approċċ ġenerali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża l-proposta riveduta tal-Presidenza dwar l-Anness I għall-abbozz ta' regolament, emendata fid-dawl tad-diskussjonijiet fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Enerġija u l-kummenti bil-miktub riċevuti.

Iż-żidiet mill-ewwel reviżjoni (dok. 10681/17 ADD 1) meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni huma indikati b'**tipa grassa**.

It-test ġdid miżjud wara l-ewwel reviżjoni huwa indikat b'**tipa grassa ssottolinjata**.

It-thassir kollu huwa mmarkat bi [] (*it-test ġie mħassar*).

ANNESS I

[] IL-KOMPITI [] TAL-KOORDINATURI REĠJONALI TAS-SIGURTÀ

1. Kalkolu tal-kapaċità koordinata

1.1 [] **Il-koordinaturi tas-sigurtà** reġjonali għandhom iwettqu l-kalkolu koordinat tal-kapaċitajiet transżonali.

[] Il-kalkolu koordinat tal-kapaċità għandu jitwettaq [] għal [] **perijodi ta' żmien ta' ġurnata bil-quddiem u tal-istess ġurnata**[].

1.2a **Abbażi tal-metodoloġiji żviluppati skont l-Artikoli 21, 26, 29 u 30 tar-[Regolament tal-Kummissjoni 2015/1222 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni].**

1.3 Il-kalkolu tal-kapaċità koordinata għandu jitwettaq abbażi ta' mudell ta' [] **grilja** komuni skont il-punt 3 [].

1.4 Il-kalkolu tal-kapaċità koordinata għandu jiżgura [] ġestjoni effiċjenti tal-konġestjoni skont il-prinċipji ta' ġestjoni tal-konġestjoni definiti f'dan ir-Regolament.

2. Analiżi ta' sigurtà koordinata

2.1. [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom iwettqu analiżi koordinata tas-sigurtà bil-għan li jiżguraw it-tħaddim sigur tas-sistema.

- 2.2 L-analiżi ta' sigurtà għandha ssir għall-perijodi kollha ta' żmien ta' ppjanar operazzjonali, **bejn il-perijodi ta' żmien ta' sena bil-quddiem u tal-istess ġurnata**, billi jintużaw il-mudelli ta' [] **grilja** komuni.
- 2.2a **L-analiżi koordinata tas-sigurtà għandha titwettaq abbażi tal-metodoloġiji żviluppati skont l-Artikoli 75 u 76 tar-Regolament tal-Kummissjoni 2017/1485 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku.**
- 2.3 [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom jaqsmu r-riżultati tal-analiżi ta' sigurtà koordinata mill-inqas mal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema.
- 2.4 Jekk b'riżultat tal-analiżi ta' sigurtà koordinata, [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** jidentifika xi restrizzjoni potenzjali, dan għandu jfassal azzjonijiet korrettivi li jimmassimizzaw **l-effikaċja u l-effiċjenza ekonomika**.
3. **Ħolqien ta' mudelli [] tal-grilja komuni**
- 3.1 [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom jistabbilixxu proċessi effiċjenti għall-ħolqien ta' mudell [] **ta' grilja** komuni għal kull perijodu ta' żmien ta' ppjanar operazzjonali **bejn il-perijodi ta' żmien ta' sena bil-quddiem u tal-istess ġurnata**.
- 3.2 L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jinnominaw [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** biex jibni l-mudelli tal-[] **grilja** komuni [].
- 3.2a **Il-mudelli ta' grilja komuni għandhom jitwettqu f'konformità mal-metodoloġiji żviluppati skont l-Artikoli 67, 70 u 79 tar-Regolament tal-Kummissjoni 2017/1485 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku u skont l-Artikolu 28 tar-Regolament tal-Kummissjoni 2015/1222 li jistabbilixxi linji gwida dwar l-allokazzjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tal-konġestjoni.**

- 3.3 Il-mudelli [] **tal-grilja** komuni għandhom jinkludu d-data rilevanti għall-ippjanar operazzjonali u l-kalkolu tal-kapaċità b'mod effiċjenti fil-perijodi kollha ta' żmien ta' ppjanar operazzjonali **bejn il-perijodi ta' żmien ta' sena bil-quddiem u tal-istess ġurnata**.
- 3.4 Il-mudelli [] **tal-grilja** komuni għandhom ikunu disponibbli għall- [] **koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** kollha, għall-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, għall-ENTSO għall-Elettriku u għall-Aġenzija meta jitolbuhom.
4. **Appoġġ għall-valutazzjoni tal-konsistenza tal-pjanijiet tad-difiża u tal-pjanijiet tar-restawr tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni**
- 4.1a **Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom jappoġġaw lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema fit-twettiq tal-valutazzjoni tal-konsistenza tal-pjanijiet tad-difiża u tal-pjanijiet tar-restawr tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-[Regolament tal-Kummissjoni xxxx/xxxx li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku].**
- 4.1 L-operaturi kollha tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom jiftiehem dwar livell limitu li 'l fuq minnu l-impatt tal-azzjonijiet ta' operatur wieħed jew aktar tas-sistema ta' trażmissjoni fl-istati ta' emerġenza, ta' blekawt jew ta' restawr jitqies bħala sinifikanti għal operaturi oħra tas-sistema ta' trażmissjoni interkonnessi b'mod sinkroniku jew asinkroniku.
- []
- 4.3 B'dan l-appoġġ lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, [] **il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom:
- (a) jidentifikaw inkompatibbiltajiet potenzjali;
 - (b) jipproponu azzjonijiet ta' mitigazzjoni.

- 4.4 L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni għandhom **jivvalutaw u** jqisu l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni proposti.
5. *(preċedement il-punt 9)* Valutazzjonijiet tal-adegwatezza tas-sistema reġjonali minn ġimgħa bil-quddiem sa ġurnata bil-quddiem [] u t-tħejjija ta' azzjonijiet li jnaqqsu r-riskji
- 5.1 *(eks 9.1)* [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom iwettqu valutazzjonijiet tal-adegwatezza reġjonali minn ġimgħa bil-quddiem sa [] **ġurnata bil-quddiem f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 81 tar-Regolament tal-Kummissjoni 2017/1485 li jistabbilixxi linja gwida għat-tħaddim tas-sistema tal-elettriku u abbażi tal-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 8 tar-[Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji].**
- 5.2 *(eks 9.2)* [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom jibbażaw il-valutazzjonijiet tal-adegwatezza reġjonali **għall-perijodu qasir** fuq l-informazzjoni pprovduta mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni ta' reġjun ta' tħaddim tas-sistema bil-għan li jidentifikaw sitwazzjonijiet fejn hu mistenni nuqqas ta' adegwatezza fi kwalunkwe waħda miż-żoni ta' kontroll jew fil-livell reġjonali. [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom iqisu l-iskambji transżonali u l-limiti ta' sigurtà operazzjonali possibbli fil-perijodi ta' żmien rilevanti kollha ta' ppjanar operazzjonali.
- 5.3 *(eks 9.3)* Meta jwettaq valutazzjonijiet tal-adegwatezza [] **tas-sistema** reġjonali kull [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** għandu jikkordina ma' [] **koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** oħrajn biex:
- (a) jivverifika s-suppożizzjonijiet u t-tbassir sottostanti;
 - (b) jidentifika s-sitwazzjonijiet possibbli ta' nuqqas ta' adegwatezza transreġjonali.
- 5.4 *(eks 9.4)* Kull [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** għandu jikseb ir-riżultati tal-valutazzjonijiet dwar l-adegwatezza ta' ġenerazzjoni reġjonali flimkien mal-azzjonijiet li jipproponi biex jitnaqqsu r-riskji tan-nuqqas ta' adegwatezza għall-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema u għal [] **koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** oħra.

6. *(precedentemente il-punt 10)* **Koordinazzjoni tal-ippjanar tal-indisponibbiltà reġjonali**
- 6.1 *(eks 10.1)* Kull [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** għandu jwettaq koordinazzjoni tal-indisponibbiltà reġjonali f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 80 tar-**Regolament tal-Kummissjoni 2017/1485 li jstabbilixxi linja gwida għat-tħaddim ta sistema tal-elettriku** sabiex jimmonitorja l-istatus ta' disponibbiltà tal-assi rilevanti u jikkoordina l-pjanijiet ta' disponibbiltà tagħhom biex jiżgura s-sigurtà operazzjonali tas-sistema ta' trażmissjoni filwaqt li jimmassimizza l-kapaċità tal-interkonnnetturi u/jew tas-sistemi ta' trażmissjoni li jaffettwaw il-flussi transżonali.
- 6.2 *(eks 10.2)* Kull [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** għandu jżomm lista unika tal-elementi tal-grilja rilevanti, tal-moduli ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u tal-faċilitajiet tad-domanda tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema u jqiegħdha għad-dispożizzjoni tal-ambjent ta' data għall-ippjanar operazzjonali tal-ENTSO-E.
- 6.3 *(eks 10.3)* Kull [] **koordinatur** reġjonali **tas-sigurtà** għandu jwettaq l-attivitajiet li ġejjin relatati mal-koordinazzjoni tal-indisponibbiltà fir-reġjun ta' tħaddim tas-sistema:
- (a) jivvaluta l-kompatibbiltà tal-ippjanar tal-indisponibbiltà billi juża l-pjanijiet kollha tad-disponibbiltà ta' sena bil-quddiem tal-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni;
 - (b) jipprovdi lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema b'lista tal-inkompatibilitajiet ta' ppjanar individwali u tas-soluzzjonijiet li jipproponi biex jissolvew l-inkompatibilitajiet.
7. *(precedentemente il-punt 12)* **Taħriġ u ċertifikazzjoni tal-persuna li jaħdem għall-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà**
- 7.1 *(eks 12.1)* [] **Il-koordinaturi** reġjonali **tas-sigurtà** għandhom iħejju u jwettqu programmi ta' taħriġ u ta' ċertifikazzjoni li jiffukaw fuq ir-reġjun ta' tħaddim tas-sistema għall-persunal li jaħdem **għall-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà** []

7.2 (eks 12.2) Il-programmi ta' taħriġ għandhom ikopru l-komponenti kollha rilevanti ta' tħaddim tas-sistema, **fejn il-koordinatur reġjonali tas-sigurtà jwettaq kompiti** inklużi x-xenarji ta' kriżi reġjonali.

8. **(precedentemente il-punt 5) Appoġġ għall-koordinazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-restawr reġjonali**

[]

8.2 (eks 5.2) Kull [] **koordinatur reġjonali tas-sigurtà** rilevanti għandu [] **jappoġġa lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni nnominati bħala []** mexxejja tal-frekwenza u mexxejja tar-risinkronizzazzjoni skont l-Artikoli 29 u 33 tar-Regolament tal-Kummissjoni xxxx/xxxx li jistabbilixxi kodiċi tan-netwerk dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku [...] **biex jittejbu l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema ta' restawr. L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun tat- tħaddim tas-sistema għandhom jiddefinixxu r-rwol tal-koordinatur reġjonali tas-sigurtà relatati mas-appoġġ għall-koordinazzjoni u l-ottimizzazzjoni tar-restawr reġjonali.**

8.3 (eks l-aħħar sentenza ta' 5.2) L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni [] **jistgħu []** jitolbu assistenza minn [] **koordinaturi reġjonali tas-sigurtà** jekk is-sistemi tagħhom tkun fi stat ta' blekawt jew ta' restawr.

8.4 **Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom ikunu mgħammra b'sistemi ta' akkwist tad-data u ta' kontroll superviżorju qrib il-ħin reali bl-osservabbiltà ddefinita bl-applikazzjoni tal-livell limitu stabbilit skont il-punt 4.1.**

9. **(precedentemente il-punt 6) Analiżi u rappurtar wara t-tħaddim u wara t-tfixkil**

9.1 (eks 6.1) [] **Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà** għandhom [] iħejju rapport dwar kwalunkwe inċident 'il fuq mil-livell limitu ddefinit skont il-punt 4.1. Fuq talba tagħhom, l-awtoritajiet regolatorji tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema u l-Aġenzija jistgħu jkunu involuti fl-investigazzjoni. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet bil-għan li fil-futur jipprevjeni inċidenti simili.

- 9.2 (eks 6.2) Ir-rapport għandu [] jiġi ppubblikat. L-Aġenzija tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet bil-għan li fil-futur jipprevjenu inċidenti simili.
10. Il-kalkolu tal-kapaċità tad-dħul massimu disponibbli għall-parteċipazzjoni tal-kapaċità barranija fil-mekkaniżmi ta' kapaċità.
- 10.1 Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom jappoġġaw lill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni fil-kalkolu tal-kapaċità massima tad-dħul disponibbli għall-parteċipazzjoni tal-kapaċità barranija fil-mekkaniżmi ta' kapaċità b'kont meħud tad-disponibbiltà mistennija ta' interkonnessjoni u l-konkorrenza probabbli ta' pressjoni fuq is-sistema bejn is-sistema fejn jiġi applikat il-mekkaniżmu u s-sistema fejn tkun tinsab il-kapaċità barranija.
- 10.2 Il-kalkolu għandu jitwettaq f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 21(10)(a) ta' dan ir-Regolament.
- 10.3 Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom jipprovdu kalkolu għal kull konfini taż-żona tal-offerti kopert mir-reġjun ta' tħaddim tas-sistema.
11. Tħejjija ta' prospettivi staġjonali
- 11.1 Jekk in-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (ENTSO) tal-Elettriku jiddelega din il-funzjoni skont l-Artikolu 9 tar-[Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji], il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà għandhom iwettqu prospettivi tal-adeqwatezza staġjonali fuq bażi reġjonali.
- 11.2 It-tħejjija tal-prospettivi staġjonali għandha titwettaq abbażi tal-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 8 tar-[Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji].
12. (precedentemente il-punt 11) Ottimizzazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kumpens għall-operaturi tas-sistema ta' intertrażmissjoni

12.1 *(eks 11.1)* **L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni tar-reġjun ta' tħaddim tas-sistema jistgħu jiddeċiedu b'mod konġunt li jirċievu appoġġ mill-koordinatur reġjonali tas-sigurtà []** biex jamministraw il-flussi finanzjarji relatati mas-saldu tal-operaturi tas-sistema ta' intertrażmissjoni li jinvolvu aktar minn żewġ operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, bħall-kostijiet ta' dispaċċ mill-ġdid, l-introjt mill-konġestjoni, il-kostijiet tad-devjazzjonijiet mhux intenzjonati jew tal-akkwist ta' riserva.

13. Identifikazzjoni tas-sitwazzjonijiet ta' kriżi reġjonali u tħejjija tax-xenarji ta' mitigazzjoni tar-riskji bir-reviżjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija għar-riskji kif stabbiliti mill-Istati Membri

13.1 Jekk l-ENTSO tal-Elettriku jiddelega din il-funzjoni, [] **il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà** għandhom jidentifikaw ix-xenarji ta' kriżi reġjonali skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 6(1) [tar-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji kif propost mill-COM(2016) 862].

L-identifikazzjoni tax-xenarji ta' kriżi reġjonali għandha titwettaq f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 5 [tar-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji].

13.2 [] **Il-koordinaturi reġjonali tas-sigurtà** għandhom **jappoġġaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull reġjun ta' tħaddim tas-sistema fit-tħejjija u t-twettiq ta' []** simulazzjonijiet ta' kriżiannwali [] **f'konformità mal-** Artikolu 12(3) [tar-Regolament dwar it-Tħejjija għar-Riskji kif propost mill-COM(2016) 862].

It-thejjija tax-xenarji ta' mitigazzjoni tar-riskji għandha titwettaq f'konformità mal-proċess stabbilit fl-Artikolu 12 [tar-Regolament dwar it-Thejjija ghar-Riskji].

[]

[]